FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 9 TA' JANNAR 2002

PULIZIJA
SUPT. JOSEPH VALLETTA
VS
ANTHONY AQUILINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Aquilina ta' 45 sena iben Paul u rosina nee Mifsud, imwieled Pieta fit-18 ta' Frar 1954, u li joqghod nru 30, Triq il-Kattidral, San Pawl il-Bahar, detentur ta' karta ta' l-identita 204554M talli f'dawn il-gzejjer u f'dawn l-ahhar xhur qabel it-18 ta' Settembru 1998, bhala proprjetarju jew amministratur tal-fond nru 30, Triq il-Kattidral, San Pawl il-Bahar, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, kkommmetta serq ta' kwantita ta' l-elettriku li jammonta ghal mitejn u tnejn u hamsin liri maltin, sittax il-centezmu, u tmien millezmi (Lm252.16c8) liema serq u kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Barra minn hekk fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe meter ta' dawl tal-ghamla TM3, mobbli jew immobli, liema hsara ma tiskorriX l-ghaxar liri maltin (Lm10) ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda ta' Silvio Decelis jirrizulta illi apparti il-fatt illi l-imputat gia hallas il-pendenzi kollha li kien hemm fuq il-meter koncernat, jidher bic-car illi:
"Jekk kien hemm xi brix seta sar fit-tul ta' zmien (ara fol 91)" u ghalhekk mhux fi zmien meta l-imputat kien jokkupa l-fond de quo.

Illi rinfaccata b'dawn it-tip ta' provi din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.